| | |
|---|---|
| **KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA** | **Brussell, 12 ta' Settembru 2013 (OR. en)** |

**13545/13**

**ECOFIN 788**
**UEM 315**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 6 ta' Settembru 2013 |
| lil: | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2013) 626 final |
| Suġġett: | KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI Valutazzjoni ta' azzjoni meħuda minn Ċipru bħala rispons għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2013 bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' deficit eċċessiv tal-gvern |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2013) 626 final.

---

Mehmuż: COM(2013) 626 final

1.

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2013
COM(2013) 626 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## Valutazzjoni ta' azzjoni meħuda minn Ċipru

## bħala rispons għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2013 bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern

{SWD(2013) 327 final}

MT

MT

## 1. PROĊEDURA TA' DEFIĊIT EĊĊESSIV: SFOND

Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 126(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li f'Ċipru kien jeżisti defiċit eċċessiv u ħareġ rakkomandazzjoni lil Ċipru, f'konformità mal-Artikolu 126(7) tat-TFUE bil-ħsieb li tinġieb fi tmiemha l-qagħda ta' defiċit eċċessiv tal-gvern sal-2012[1].

Fis-27 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni (wara valutazzjoni tal-azzjoni meħuda minn Ċipru, f'konformità mal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97) ikkonkludiet li, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien, Ċipru ħa azzjoni li tirrappreżenta progress adegwat lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fil-limiti taż-żmien stabbiliti mill-Kunsill.

Fil-11 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni kkonfermat li Ċipru kien ħa azzjoni effettiva f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 biex iġib id-defiċit tal-gvern taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG u qieset li, għaldaqstant, ma kien meħtieġ l-ebda pass addizzjonali fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv.

Fil-25 ta' April 2013, il-Kunsill indirizza deċiżjoni għal Ċipru dwar miżuri speċifiċi biex l-istabbiltà finanzjarja titrawwem mill-ġdid u għat-tkabbir sostenibbli ("il-programm")[2].

B'mod parallel il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) ta faċilità ta' assistenza finanzjarja lil Ċipru. F'dan il-kuntest, Memorandum ta' Ftehim dwar il-Kundizzjonalità Speċifika tal-Politika Ekonomika (MOU) ġie ffirmat fis-26 ta' April 2013 mill-awtoritajiet Ċiprijotti u l-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-MES.

Fis-16 ta' Mejju 2013, skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, il-Kunsill ikkonkluda li kienet ittieħdet azzjoni effettiva iżda avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija li kellhom konsegwenzi żvantaġġużi kbar għall-finanzi tal-gvern kienu seħħew wara l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni fl-2010, u dan jagħmel il-limitu taż-żmien stabbilit mill-Kunsill f'Lulju 2010 għall-korrezzjoni ta' żbilanċ eċċessiv mhux aktar possibbli. Il-Kunsill għalhekk adotta rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE (ir-"rakkomandazzjoni riveduta tal-EDP") li jestendi l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sa mhux aktar tard mill-2016. Huwa rrakkomanda li "Sabiex id-defiċit nominali tal-gvern jinżel għal inqas minn 3% tal-valur ta' referenza tal-PDG sa mhux aktar tard mill-2016, Ċipru għandu jikseb il-miri tad-defiċit nominali ġenerali tal-gvern ta' 6.5 % tal-PDG fl-2013, 8.4 % tal-PDG fl-2014, 6.3 % tal-PDG fl-2015, u 2.9 % tal-PDG fl-2016. Għal dan l-għan, Ċipru għandu jimplimenta b'mod rigoruż il-Liġi tal-Baġit tal-2013 u l-miżuri addizzjonali ta' konsolidazzjoni miftiehma, li għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 351mn fl-2013. Ċipru għandu jimplimenta bis-sħiħ il-miżuri fiskali għall-2014 li ġew adottati f'Diċembru 2012, li jammontaw għal tal-inqas EUR 270mn fl-2014. Ċipru għandu jissorvelja l-effett baġitarju tal-miżuri ta' konsolidazzjoni meħuda fuq bażi ta' kull xahar u jkun lest biex jippreserva l-miri fiskali billi jittieħdu miżuri addizzjonali f'każ ta' prestazzjoni inadegwata ta' dħul jew infiq soċjali ogħla, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi makroekonomiċi. Ċipru għandu jżomm konsolidament fiskali fuq medda medja ta' żmien, li jkun qed joqrob lejn l-

[1] ĠU L 186, 20.7.2010, p. 30.
Id-dokumenti kollha marbuta mal-EDP għal Ċipru jinsabu fis-sit li ġej:
http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/deficit/countries/cyprus_en.htm
[2] Id-Deċiżjoni 2013/236/KE, ĠU L 141 tat-28.5.2013.

objettiv baġitarju għal medda medja ta' żmien ta' baġit ibbilanċjat f'termini strutturali, billi jrażżan it-tkabbir fin-nefqa, itejjeb l-istruttura u jwettaq miżuri fiskali-strutturali".

## 2. VALUTAZZJONI TAL-AZZJONI EFFETTIVA MEĦUDA

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2013 kienet ibbażata fuq it-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni 2013. Din il-valutazzjoni attwali tal-azzjoni effettiva meħuda hija bbażata fuq projezzjonijiet makroekonomiċi u fiskali aġġornati fil-kuntest tal-programm ta' rieżami ta' Ċipru ta' Lulju (PF ta' Lulju). Din tqis l-iżviluppi ekonomiċi u baġitarji minn mindu nħarġet ir-rakkomandazzjoni rieżaminata skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP).

Skont il-PF ta' Lulju, il-projezzjonijiet tal-prospettiva makroekonomika fl-2013-2016 fil-biċċa l-kbira ma jinbidlux fir-rigward tal-previżjoni sottostanti tar-Rakkomandazzjoni tal-EDP rieżaminata. Il-PDG reali huwa mistenni li jonqos drastikament minn 8.7 % fl-2013 bħala entità sħiħa, mhux mibdul meta mqabbel mat-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2013. It-tnaqqis previst qed jiġi xprunat mir-ristrutturar immedjat tas-settur bankarju u l-impatt tiegħu fuq it-tkabbir tal-kreditu nett, diżingranar li qed idum iktar ta' karti tal-bilanċ korporattivi u domestiċi, il-konsolidament fiskali segwit, u l-livell għoli ta' inċertezza ekonomika li se xxekkel id-domanda domestika u l-investiment. Barra minn hekk, mill-impożizzjoni temporanja tal-kontrolli tal-kapital u l-irtirar tar-restrizzjonijiet flimkien ma' inċertezza relatata huma mistennija li jtellfu l-flussi kapitali internazzjonali u jnaqqsu l-volumi tan-negozju fiż-żewġ kumpaniji domestiċi u internazzjonali. Mhijiex assigurata r-rikapitalizzazzjoni interna ta' depożitaturi mhux assigurati fiż-żewġ istituzzjonijiet finanzjarji kbar li hija mistennija li tikkawża telf ta' ġid, li se jaffettwa wkoll il-konsum privat u l-investiment.

B'mod ġenerali, Ċipru ikun wettaq il-Baġit tal-2013 b'mod effettiv fl-ewwel nofs tas-sena. Il-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali meħuda mill-awtoritajiet rigward it-taxxi diretti, eż. iż-żieda fir-rata tat-taxxa fuq id-dħul korporattiv statutorju u żieda fir-rata tat-taxxa applikata għad-dħul mill-interessi, huma mistennija li jegħlbu l-impatt negattiv ta' tnaqqis fil-pagi fis-settur privat u fis-settur pubbliku aktar wiesa' għal din il-kategorija tat-taxxa. Il-projezzjoni ta' dħul mit-taxxi indiretti hija fil-biċċa l-kbira mhux mibdula, ibbilanċjata bejn ġbir relattivament elastiku tal-VAT u taxxi oħra indiretti li jidhru li huma aktar sensittivi għal ċirkostanzi makroekonomiċi negattivi tul it-trimestri li ġejjin. Mil-lat tan-nefqa, it-twettiq kawt ta' miżuri ta' nefqa hu mistenni li jkompli jikkumpensa għal pagamenti soċjali ogħla minħabba kundizzjonijiet dejjem aktar diffiċli tas-suq tax-xogħol.

Fl-isfond ta' dawn l-iżviluppi fl-ewwel żewġ kwarti tas-sena 2013, projezzjoni aġġornata tal-kontijiet fiskali tikkonferma li x-xejriet baġitarji sottostanti fl-ewwel nofs tal-2013 jibqgħu skont il-perkors ta' aġġustament stabbilit fir-rakkomandazzjoni tal-EDP. Madankollu, il-bilanċ baġitarju għall-2013 huwa pprojettat li se jkun affettwat mill-kumpens għal fondi ta' providenza u tal-irtirar, li soffrew telf fuq id-depożiti tagħhom mhux assigurati fis-Cyprus Popular Bank (CPB). L-awtoritajiet Ċiprijotti impenjaw ruħhom għal kumpens mingħand il-baġit ġenerali tal-gvern minħabba n-natura tal-assistenza soċjali u għal fondi ta' providenza u tal-irtirar[3]. Dan il-kumpens għandu jiżgura trattament komparabbli ma' dawn il-fondi fil-Bank

[3] Fil-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kundizzjonalità Speċifika tal-Politika Ekonomika għall-programm ta' aġġustament ta' Ċipru (kif approvat fl-24 ta' April 2013 mill-Bord ta' Gvernaturi tal-MES) ġie msemmi espliċitament li "il-mira tad-defiċit tal-2013 tista' tiġi riveduta biex tinkorpora fondi ta' providenza u tal-irtirar

of Cyprus (BOC) wara l-bdil tad-depożiti f'ekwità. Minħabba kumpens, id-deficit tal-2013 x'aktarx se jkun sostanzjalment ogħla mid-deficit ta' 6.5 % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill.

L-ewwel missjoni ta' rieżami skont il-programm stabbilixxiet li r-rata ta' kumpens mhux se tkun aktar minn 52.5 % tat-total tal-bilanċ f'depożitu CPB, ibbażata fuq rata ta' konverżjoni tal-47.5 % tad-depożiti f'ekwità f'BoC. Dan jimplika li l-ispejjeż baġitarji totali ta' kumpens jammontaw għal madwar 1.8 % tal-PDG, li minnhom madwar nofs jistgħu jiġu rilaxxati f'biżżejjed żmien sat-tieni rieżami tal-programm ta' aġġustament. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, huwa mistenni li l-impenn tal-baġit jista' jitqies ġustifikat b'mod sħiħ fl-2013. F'dan il-każ, id-defiċit tal-bilanċ primarju korrispondenti tal-2013 se jammonta għal madwar 4¼% tal-PDG u d-defiċit nominali jammonta għal madwar 8½% tal-PDG, u b'hekk jaqbeż il-mira tal-2013 stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju. L-awtoritajiet Ċiprijotti ħadu l-impenn li jadottaw il-modalitajiet ta' din l-iskema qabel ir-rilaxx tat-tieni porzjon ta' assistenza, wara rieżami minn u konsultazzjoni tal-imsieħba tal-programm. Minħabba n-natura straordinarja tagħha ta' darba waħda biss, il-kumpens għal fondi ta' providenza u tal-irtirar ma jkollhomx impatt fuq ir-riżultati baġitarji fis-snin imbiegħda, u d-defiċit nominali għall-2014 hu projettat li jilħaq il-mira EDP ta' 8.4 % tal-PDG. Barra minn hekk, l-iskadenza EDP għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-2016 tidher possibbli bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli bħalissa.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju ffukat fuq il-miri ta' bilanċ nominali effettiv u sforz minn isfel għal fuq, minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali tal-ambjent inċert makroekonomiku ħafna f'Ċipru dak iż-żmien, bi stimi ta' bilanċ strutturali li huma iktar inċerti u suġġetti għall-varjazzjoni matul iż-żmien minn taħt kondizzjonijiet makroekonomiċi aktar stabbli. Billi jista' jkun mistenni li Ċipru ma jilħaqx il-mira tal-2013 tal-bilanċ nominali rrakkomandat mill-Kunsill, minħabba l-impatt baġitarju tal-kumpens ta' fondi tal-pensjonijiet, għandha titwettaq analiżi bir-reqqa sabiex jiġi vvalutat jekk il-miri ta' nefqa jkunux intlaħqu u l-miżuri diskrezzjonali ppjanati ġewx implimentati.

Valutazzjoni minn isfel għal fuq fil-fond tal-miżuri fiskali implimentati hija ta' rilevanza partikolari fil-każ ta' Ċipru, peress li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2013 b'mod espliċitu tispeċifika wkoll l-ammont rakkomandat ta' miżuri ta' konsolidazzjoni diskrezzjonarja. Valutazzjoni tal-miżuri ta' konsolidament li għandhom impatt fiskali fis-snin 2013 u 2014 hija għaldaqstant meħtieġa sabiex tevalwa jekk Ċipru ħax azzjoni effettiva.

Għall-2013, il-Kunsill irrakkomanda li l-miżuri ta' konsolidament li dwarhom kien hemm qbil għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 351mn (2.1 % tal-PDG). Dawn il-miżuri jinkludu l-ewwel u qabel kollox żieda fir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv statutorju għal 12.5 %, żieda fir-rata tat-taxxa applikata għall-introjtu mill-interessi għal 30%, u żieda fl-imposta bankarja għal 0.15 %. Bħala parti tal-azzjonijiet preċedenti, it-taxxa fuq il-proprjetà

---

fis-Cyprus Popular Bank li jiżguraw trattament ugwali ma' dawn il-fondi fil-Bank of Cyprus wara l-bdil tad-depożiti f'ekwità". Barra minn hekk, kien miftiehem li "minħabba n-natura tal-fondi ta' providenza u tal-irtirar, l-awtoritajiet Ċiprijotti se jużaw l-ammont meħtieġ mill-iffinanzjar ta' programmi għal kumpens bħal dan". Għal dan l-għan, finanzjament indikattiv ta' kważi 2.5 % tal-PDG kien iddedikat għat-tielet kwart tal-2013 fil-valutazzjoni tal-bżonnijiet għall-finanzjament ta' Ċipru (nota lill-MES skont l-Artikolu 13.1 tat-Trattat dwar il-MES). Fil-mument tal-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, l-impatt baġitarju ta' dan il-kumpens ma jistax, madankollu, jiġi stabbilit bi preċiżjoni, peress li dan ikun jiddependi fuq ir-rata ta' konverżjoni li għandha tkun determinata għal depożiti fil-BoC. Il-miri primarji u tad-defiċit tal-bilanċ nominali għall-2013 għalhekk ġew stabbiliti mingħajr ma espliċitament qiesu l-impatt baġitarju ta' dan il-kumpens.

immobbli żdiedet b'mod sostanzjali, ġie implimentat aktar tnaqqis tal-pagi u l-pensjonijiet, it-trasferimenti soċjali kienu mmirati u l-benefiċċji lill-pensjonanti u għal skopijiet ta' xiri ta' djar ġew rieżaminati, u ġew introdotti l-miżuri tal-kontroll tal-ispejjeż tas-saħħa. Barra minn hekk, il-gvern se jissimplifika t-trasferimenti soċjali b'aktar mill-EUR 113mn meħtieġa. Filwaqt li dan l-iffrankar addizzjonali minn trasferimenti soċjali kien diġà ġie inkluż fil-Baġit tal-Liġi tal-2013, dawn ma ġewx meqjusa għal projezzjoni fiskali li tifforma l-bażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2013. Għalhekk, il-miżuri implimentati miftiehma jammontaw għal aktar minn EUR 351mn għall-2013.

Għall-2014, skont il-projezzjonijiet fiskali u makroekonomiċi aġġornati, Ċipru se jikseb impatt baġitarju ta' aktar mill-EUR 270mn irrakkomandat mill-Kunsill bl-implimentazzjoni sħiħa miftiehma tal-miżuri fiskali. L-impatt ta' tnaqqis tad-defiċit dirett stmat tal-miżuri ta' konsolidazzjoni jammonta għal 2.2 % tal-PDG. Fuq in-naħa tan-nefqa, l-akbar impatt ġej minn tnaqqis ulterjuri kemm tal-pagi u wkoll tal-pensjonijiet tas-settur pubbliku (bi 3% oħra), miżuri biex jitrażżan it-tkabbir fit-trasferimenti soċjali u n-nefqiet għall-kura tas-saħħa, l-estensjoni tal-kontribuzzjoni temporanja skalata sa 3.5 % fuq il-pagi u l-pensjonijiet u żieda fil-kontribuzzjoni għall-Iskema Ġenerali ta' Assigurazzjoni soċjali kemm għal min iħaddem u wkoll għall-impjegati. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-isforz ġej mid-dħul (1.6 % tal-PDG) b'aktar żidiet fit-taxxi indiretti (VAT u dazji tas-sisa fuq l-enerġija) u żidiet fil-kontribuzzjonijiet fuq il-pagi u l-pensjonijiet. Iż-żidiet fl-2013 fit-taxxa fuq il-proprjetà, it-taxxa fuq l-introjtu mill-imgħax u l-VAT jilħqu effetti ta' sena sħiħa biss fl-2014, li jikkontribwixxu fuq l-enfasi fuq id-dħul tal-isforz fiskali f'dik is-sena.

Minkejja l-implimentazzjoni tagħhom, xi miżuri fuq id-dħul huma mistennija li jrendu anqas, b'mod partikolari għall-2013. Pereżempju, x'aktarx se jkun hemm tnaqqis għat-taxxa minn ras l-għajn għal dħul mill-imgħax, fejn għal raġunijiet kostituzzjonali, iż-żieda kienet adottata biss mid-29 ta' April 2013 minflok mill-1 ta' Jannar 2013. Wkoll ir-rendiment taż-żieda fl-imposta bankarja (imħallsa mill-istituzzjonijiet ta' kreditu) ġiet riveduta 'l isfel, minħabba tibdil fil-leġiżlazzjoni, li effettivament naqset il-bażi tat-taxxa għall-2013 sabiex jiġi evitat il-ħlas ta' imposta minn istituzzjonijiet finanzjarji fuq bażi ta' depożitu li jkun sostanzjalment ogħla mill-ammont attwali ta' depożiti. Fir-rigward ir-riforma fit-taxxa għal vetturi, dħul addizzjonali ġenerat irriżulta iktar diffiċli milli mistenni minħabba s-suq li mar drastikament għall-agħar tal-vetturi, iżda ġie miftiehem li n-nuqqas jiġi kopert minn miżuri kompensatorji.

Fil-qosor, il-miri ta' nefqa ġew issodisfati, il-miżuri diskrezzjonarji fuq in-naħa tad-dħul ġew implimentati u l-miżuri ta' konsolidazzjoni miftiehma huma attwalment stmati li jammontaw għal aktar mill-EUR 351mn meħtieġa fl-2013 u EUR 270mn fl-2014. Għalhekk, il-valutazzjoni fil-fond minn isfel għal fuq ta' miżuri li jistgħu jkollhom impatt fiskali fl-2013 u l-2014 tissuġġerixxi li Ċipru ħa azzjoni effettiva fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju.

Is-sitwazzjoni eċċezzjonali tal-ambjent inċert makroekonomiku ħafna f'Ċipru tagħmilha diffiċli li ssir stima preċiża tal-isforz fiskali f'termini strutturali. Barra minn hekk, kif innotat fl-analiżi tas-servizzi tal-Kummissjoni[4], tibdil fl-estimi ta' tkabbir potenzjali huma pjuttost b'saħħithom fil-każ ta' Ċipru, u l-varjazzjoni fuq il-previżjonijiet suċċessivi fil-kontribuzzjonijiet għat-tkabbir potenzjali mix-xogħol totali, l-akkumulazzjoni ta' kapital, u

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bil-għan li tinġieb fi tmiemha l-qagħda ta' defiċit eċċessiv tal-gvern f'Ċipru — SWD (2013) 176 finali, 7.5.2013.

tal-produttività (TFP) kienet kbira. Dawn il-bidliet fil-produzzjoni potenzjali stmata u l-kundizzjonijiet makroekonomiċi inċerti ħafna jimplikaw impatt korrispondenti fuq l-isforz strutturali stmat, anke meta ma jkunx hemm xi bidliet fit-twettiq baġitarju jew fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konsolidazzjoni individwali.

Madankollu, il-miri tal-bilanċ nominali rakkomandati fil-Programm ta' Tbassir ta' April jimplikaw sforz fiskali strutturali stmat ta' 1.3 % tal-PDG fl-2013 u ta' 0.3 % fl-2014. Skont il-Programm aġġornat ta' Tbassir ta' Lulju projezzjoni agħar tas-suq tax-xogħol ikollha impatt negattiv fuq il-produzzjoni potenzjali li ġiet riveduta 'l isfel b'0.4 pp fl-2013 u 0.6 pp fl-2014. Dan, imbagħad, inaqqas id-differenza fil-produzzjoni stmata f'dawk is-sentejn. Bħala riżultat, minħabba l-istess tbassir ta' tkabbir reali tal-PDG, il-komponent ċikliku huwa stmat bħala inqas negattiv minn dak imbassar fil-Programm ta' Tbassir ta' April. Għalhekk, it-titjib strutturali għall-2013 u l-2014 huwa kemxejn inqas milli implikat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju. Korrezzjoni għar-rieżami tat-tkabbir potenzjali fil-produzzjoni, l-isforz fiskali jitjieb għal 1.3 % u 0.4 % għall-2013 u l-2014.

B'kuntrast, elastiċitajiet tad-dħul mit-taxxa jidhru kemxejn inqas fl-2013 u kemxejn ogħla fl-2014, meta mqabbel mal-Programm ta' Tbassir ta' April, li jwassal għal tnaqqis tal-isforz fiskali korrett fl-2013 ta' 0.4 % u żieda ta' 0.3 % fl-2014. Il-valutazzjoni tal-qligħ ta' ċerti miżuri ta' dħul ġiet riveduta 'l isfel għall-2013. Dan jinkludi dawk il-miżuri ta' dħul, fejn l-implimentazzjoni kienet imdewma u fejn għalhekk l-effett ta' sena sħiħa jseħħ biss fl-2014. Għalhekk, filwaqt li l-ammont miftiehem ta' miżuri diskrezzjonali totali ġew implimentati mill-awtoritajiet Ċiprijotti, l-aġġustament 'l isfel tal-effett ta' miżuri diskrezzjonali ta' dħul hu fil-biċċa l-kbira mmexxi minn bidla fl-għażla taż-żmien tal-ġbir tad-dħul hekk kif bosta dħul previst għall-2013 fil-Programm ta' Tbassir ta' April ġie ttrasferit sal-2014 fil-Programm ta' Tbassir ta' Lulju.

Il-korrezzjoni għal dawn iż-żewġ effetti, l-isforz fiskali jitjieb għal 0.9 % u 0.7 % fl-2013 u l-2014. Bħala medja, l-isforz fiskali korrett għall-2013-2014 hu għalhekk konformi mal-isforz impliċitament rrakkomandat.

Minħabba li d-devjazzjoni mill-mira nominali stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju hija spjegata permezz ta' kumpens ta' darba tal-fondi ta' providenza u tal-irtirar f'CPB, l-ebda miżuri addizzjonali ma jidhru li huma meħtieġa f'dan l-istadju.

Attwalment, Ċipru qed ikompli jimplimenta b'mod rigoruż il-Baġit tal-Liġi tal-2013 u l-miżuri addizzjonali ta' konsolidazzjoni miftiehma, li f'dan il-mument huma stmati li jammontaw għal ftit iktar mill-EUR 351mn fl-2013 u mill-inqas EUR 270mn fl-2014. Is-sitwazzjoni se jkollha tiġi mmonitorjata mill-qrib u azzjoni korrettiva ulterjuri jkollha tittieħed minn qabel jekk ikollhom jimmaterjalizzaw devjazzjonijiet fil-pjanijiet baġitarji. L-ammont totali ta' miżuri ta' politika fiskali meħtieġa biex jappoġġaw il-miri tal-baġit tal-2014 se jiġi evalwat fil-kuntest tal-konsultazzjoni fil-Liġi tal-Baġit tal-2014. Għal 2015-2016, Ċipru għandu jikseb defiċit fil-bilanċ primarju tal-gvern ġenerali tal-2015 ta' mhux aktar minn EUR 344mn (2.1 % tal-PDG) u eċċess fil-bilanċ primarju tal-gvern ġenerali tal-2016 ta' mill-inqas EUR 204mn (1.2 % tal-PDG), li skont il-programm aġġornat imbassar se jeħtieġ aktar miżuri biex jiġu speċifikati fis-snin imbiegħda.

Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' miżuri fiskali-strutturali speċifikati fid-Deċiżjoni 2013/236/UE se jappoġġaw l-iżvilupp tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Il-miżuri fiskali-strutturali huma estensivi u jinkludu, fost l-oħrajn, it-twaqqif ta' qafas

baġitarju fuq perjodu ta' żmien medju, it-twettiq ta' riformi tal-pensjoni, fil-kura tas-saħħa u fis-sistema tal-protezzjoni soċjali kif ukoll l-amministrazzjoni tad-dħul, u biex jiġi żgurat titjib tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-funzjonament tas-settur pubbliku.

## 3. KONKLUŻJONI

Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, jidher li Ċipru ħa azzjoni effettiva lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2016 kif rakkomandat mill-Kunsill fis-16 ta' Mejju 2013.

It-tbassir attwali jissuġġerixxi li, minħabba l-kumpens ta' fondi ta' providenza u tal-pensjoni fis-Cyprus Popular Bank, il-mira tad-defiċit nominali fl-2013 mhux se tkun sodisfatta. Madankollu, ix-xejriet baġitarji sottostanti u t-twettiq tal-baġit 2013 jibqgħu f'konformità mal-perkors ta' aġġustament stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-EDP. Minħabba n-natura eċċezzjonali tal-kumpens tal-fondi ta' pensjoni, l-iskadenza EDP għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-2016 tidher possibbli bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli bħalissa.

Barra minn hekk, analiżi fil-fond minn isfel għal fuq turi li Ċipru adotta miżuri ta' konsolidazzjoni mdaqqsa b'impatt ta' tnaqqis tad-defiċit dirett fl-2013 ta' madwar 4.5 % tal-PDG u ta' madwar 2.2 % tal-PDG fl-2014. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, Ċipru qed ikompli jimplimenta b'mod rigoruż il-Baġit tal-Liġi tal-2013, laħaq il-miri tan-nefqa u implimenta l-miżuri ta' konsolidazzjoni diskrezzjonarja miftiehma, li huma stmati li jammontaw għal aktar mill-EUR 351mn meħtieġa fl-2013 u EUR 270mn fl-2014.